# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju, 2018**

**Numru 10**

**Rikors Numru 135/18TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**vs**

**(i) Clinton Bondin (ID. 582781M),**
**(ii) Andrea Attard Bondin (ID. 144481M)**
**(iii) Victor Attard (ID. 673249M) u**
**(iv) Maryanne Attard (ID.337981M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Gurament tal-Bank Attur prezentat fid-19 ta' Frar, 2018 u mahluf mill-Avukat Ralph Agius Fernandez fl-istess data, li permezz tieghu talab u ppremetta s-segwenti:-

"1. Illi l-intimati Clinton Bondin u Andrea Attard Bondin inghataw erba' overdrafts mill-Bank rikorrenti skond is-segwenti;

a. *Business Overdraft* ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro punt tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) ai termini ta' kuntratt maghmul in atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja tal-31 t'Awwissu, 2007 [kopja tal-att notarili qed jigi anness bhala Dok **HSBC 1**].

b. *Overdraft Extension* ghall-ammont addizzjonali ta' disgha u sittin elf u seba' mitt Ewro (€69,700) ai termini ta' kuntratt maghmull in atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge (Att Nru. 110/2008) tal-1 ta' Settembru, 2008 [kopja tal-att notarili qed jigi anness bhala Dok **HSBC 2**];

c. *Overdraft Extension* addizzjonali ta' sebgha u hamsin elf Ewro (€57,000) ai termini ta' kuntratt maghmul in atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge (Att Nru. 020/2010) tas-26 ta' Frar, 2010 [kopja tal-att notarili qed jigi anness bhala Dok **HSBC 3**]

d. *Overdraft Extension* addizzjonali ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000) ai termini ta' kuntratt maghmul in atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge (Att Nru. 064/2011) tal-5 ta' Lulju, 2011 [kopja tal-att notarili qed jigi anness bhala Dok **HSBC 4**].

2. Illi fuq tlieta mill-atti msemmija, ossia Dok. **HSBC 2**, Dok. **HSBC 3** u Dok. **HSBC 4**, dehru ukoll l-intimati Victor Attard u Maryanne Attard bhala garanti solidali tal-intimati Bondin ghall-ammonti mislufa il dawn ta' l-ahhar mill-Bank rikorrenti ai termini tal-facilitajiet succitati, u dan ukoll skond il-garanziji hawn annessi u mmarkati bhala Dok. **HSBC 5**;

3. Illi l-intimati Bondin effettwaw biss xi pagamenti parzjali (li gew allokati ghal-interessi illi lahqu ddekorrew) akkont tal-facilitajiet kumplessivi moghti lilhom (Dok. **HSBC 6**), b'dan ili ma baqghux jonoraw il-hlasijiet miftehma. Ghaldaqsant ai termini tal-'*General Conditions Regulating Banking Facilities*', formanti parti mis-*Sanction Letter* tas-6 ta' Marzu, 2013 relattiva ghall-facilitajiet moghtija, (Dok. **HSBC 7**), huma tilfu l-beneficcju taz-zmien bil-konsegwenza illi dawn prezentement jinsabu debituri tal-Bank rikorrenti fl-ammont ta' mija u sebghin elf, seba' mija u sitta u sittin Ewro punt disa' u tletin centezmu (€170,766.39) mis-self originarjament avvanzat;

4. Illi barra l-imghaxijiet dovuti sal-1 ta' Frar 2018, liema imghaxijiet jammontaw ghas-somma ta' wiehed u erbghin elf u erbatax-il Ewro u tletin centezmu (€41,014.30), ma' din l-ahhar somma jehtieg illi jizdiedu interessi bit-8% minn dakinhar tat-2 ta' Frar 2018 sad-data tal-effettiv pagament u dan in segwitu ghall-prezentata tal-ittri ufficjali bin-numru 3366/16 u 3365/16 rispettivament li permezz taghhom:

(i) il-konvenuti Clinton Bondin u Andrea Attard Bondin gew debitament notifikati illi huma kienu ddekadew mill-beneficcju taz-zmien moghti lilhom u l-bilanc intier tas-self, inkluz l-imghaxijiet li akkumulaw, kien sar dovut kollu f'daqqa (Dok. **HSBC 8**), u

(ii) il-konvenuti l-ohra, u cioe` il-garanti Victor Attard u Maryanne Attard, gew debitament notifikati illi l-bilanc tas-self sopra c-citat, inkluz l-imghaxijeit li akkumulaw, kien sar dovut minnhom bhala garanti solidali tal-intimati Clinton Bondin u Andrea Attard Bondin fir-rigward tal-ammont kumplessiv misluf lil dawn ta' l-ahhar (**Dok HSBC 9**);

5. Illi minekjja diversi interpellazzjonijiet, inkluz l-imsemmija ittri ufficjali mibghuta lill-intimati nhar l-14 t'Ottubru, 2016, l-intimati baqghu inadempjenti;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza fil-konfront tal-intimati;

Ghaldaqstant, il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:

[i] Tiddikjara illi l-intimati Clinton Bondin u Andrea Attard Bondin m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekadew mill-beneficccju taz-zmien moghti lilhom;

[ii] Tiddikjara, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, illi l-intimati Clinton Bondin u Andrea Attard Bondin, u Victor Attard u Maryanne Attard, ai termini tal-kuntratti ta' self relattivi u l-garanziji rispettivi mhollija minnhom, huma debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma totali ta' mitejn hdax-il elf seba' mija u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€211,780.69) f'ammont bilancjali b'rabta mal-*Overdraft Account* bin-numru 056-156664-201, gia bin-numru 078-123882-001, dovut ai termini tal-kuntratti ta' self patwiti bejn il-Bank rikorrenti u l-istess intimati Bondin, in kwantu s-somma  ta' mija u sebghin elf, seba' mija u sitta u sittin Ewro punt disgha u tletin centezmu (€170,766.39) huwa rapprezentanti kapital, filwaqt li l-ammont ta' wiehed u erbghin elf u erbatax-il Ewro u tletin centezmu (€41,014.30) huwa rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati sal-1 ta' Frar 2018, oltre` imghaxijiet legali ulterjuri li qed ikomplu jiddekorru mit-2 ta' Frar 2018 tal-istess sena bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma ta' €211,780.69 kif hawn deskritt, sal-pagament effettiv;

[iii] Tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom ihallsu lill-Bank rikorrenti s-somma totali ta' mitejn hdax-il elf seba' mija u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€211,780.69) f'ammont bilancjali b'rabta mal-garanziji moghtija minnhom fir-rigward tal-*Overdraft Account* bin-numru 056-156664-201, gia bin-numru 078-123882-001, dovut ai termini tal-kuntratti ta' self patwiti bejn il-Bank rikorrenti u l-intimati Bondin, in

> kwantu s-somma ta' mija u sebghin elf, seba' mija u sitta u sittin Ewro punt disgha u tletin centezmu (€170,766.39) huwa rapprezentanti kapital, filwaqt li l-ammont ta' wiehed u erbghin elf u erbatax-il Ewro u tletin centezmu (€41,014.30) huwa rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati sal-1 ta' Frar 2018, oltre imghaxijiet legali ulterjuri li qed ikomplu jiddekorru mit-2 ta' Frar 2018 tal-istess sena bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma ta' €211,780.69 kif hawn deskritt, sal-pagament effettiv.

B'rizerva ghal kwalsiasi imghaxijiet ulterjuri u bl-ispejjez, inkuzi dawk tal-ittri ufficjali succitati u mibghuta lill-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju, 2018;

Rat ghalhekk in-nota ta' ammissjoni tal-Konvenuti prezentata seduta stante fil-25 ta' Gunju, 2018 a` fol 73;

**Ikkunsidrat**

Wara li l-Qorti rat in-nota ta' ammissjoni fuq imsemmija, fid-dawl tal-istess nota il-Qorti hija konvinta li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha kif mitluba.

**Decide**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel talba** fil-konfront tal-Konvenuti Clinton Bondin u Andrea Attard Bondin;

**Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara illi l-Konvenuti Clinton Bondin u Andrea Attard Bondin, u Victor Attard u Maryanne Attard, ai termini tal-kuntratti ta' self relattivi u l-garanziji rispettivi mhollija minnhom, huma debituri tal-Bank Attur fis-somma totali ta' mitejn hdax-il elf seba' mija u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€211,780.69) f'ammont bilancjali b'rabta mal-*Overdraft Account* bin-numru 056-156664-201, gia bin-numru 078-123882-001, dovut ai termini tal-kuntratti ta' self patwiti bejn il-Bank Attur u l-istess intimati Bondin, in kwantu s-somma  ta' mija u sebghin elf, seba' mija u sitta u sittin Ewro punt disgha u tletin centezmu (€170,766.39) huwa rapprezentanti kapital, filwaqt li l-ammont ta' wiehed u erbghin elf u erbatax-il Ewro u tletin centezmu (€41,014.30) huwa rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati sal-1 ta' Frar 2018, oltre` imghaxijiet legali ulterjuri li qed ikomplu jiddekorru mit-2 ta' Frar 2018 tal-istess sena bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma ta' €211,780.69 kif hawn deskritt, sal-pagament effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-Konvenuti solidament bejniethom ihallsu lill-Bank Attur is-somma totali ta' mitejn hdax-il elf seba' mija u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€211,780.69) f'ammont bilancjali b'rabta mal-garanziji moghtija minnhom fir-rigward tal-*Overdraft Account* bin-numru 056-156664-201, gia bin-numru 078-123882-001, dovut ai termini tal-

kuntratti ta' self patwiti bejn il-Bank Attur u l-Konvenuti Bondin, in kwantu s-somma ta' mija u sebghin elf, seba' mija u sitta u sittin Ewro punt disgha u tletin centezmu (€170,766.39) huwa rapprezentanti kapital, filwaqt li l-ammont ta' wiehed u erbghin elf u erbatax-il Ewro u tletin centezmu (€41,014.30) huwa rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati sal-1 ta' Frar 2018, oltre imghaxijiet legali ulterjuri li qed ikomplu jiddekorru mit-2 ta' Frar 2018 tal-istess sena bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma ta' €211,780.69 kif hawn deskritt, sal-pagament effettiv.

Bl-imghaxijiet kif fuq milqugha.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a` karigu tal-Konvenuti inkluzi dawk tal-ittra ufficjali imsemmija.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**